MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar 2016

Talba Numru: 876/2015

Numru fuq il-Lista: 15

**Mobisle Communications Limited (C24655)**
u b'digriet mogħti mit-Tribunal datat il-21 ta' Jannar 2016
l-atti ġew leġittimizzati f'isem is-soċjeta` **GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Jason Formosa** K.I. 399470(M)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' seba' mija u sitta u erbgħin ewro (€746.00), in kwantu għal €522.78 in konnessjoni

mas-servizz ta' telefonija ċellulari bin-numru 79888077 (A/C40182638) u in kwantu għal €223.22 in konnessjoni mas-servizz ta' telefonija ċellulari bin-numru 79880798 (A/C40182340), mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' seba' mija u sitta u erbgħin ewro (€746.00), bl-imgħax legali dekorribbli mill-11 ta' Novembru 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, huma a kariku tal-konvenut.

Av. Nadia H.Vella
Ġudikatur